MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 90/2004

**Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Taljana Finaval SPA**

**vs**
**Dr. Louis Cassar Pullicino b'digriet tal-Qorti tal-24 ta' Frar, 2004, u l-1 ta' Marzu, 2004, gie konfermat bhala Kuratur Deputat nominat sabiex jirrappresenta s-socjetajiet Scorpio Ship Management S.A.M., Ferentino Shipping Company Ltd, Itario Shipping Company Ltd, Arthur George Ltd, Victoria International Ltd**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici *nomine* fil-5 ta' Frar, 2004, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi;

Is-socjeta' attrici Finaval u s-socjeta' konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M., ilhom ghal xi zmien jaghmlu n-negozju bejniethom.

Matul l-ahhar xhur tal-2002, id-dirigenti tas-socjeta’ attrici u Scorpio Ship Management S.A.M. kellhom diskussjonijiet bejniethom liema diskussjonijiet ikkulminaw f’offerta ta’ bejgh ta’ ishma fis-socjeta’ ***“Ship Co. B”*** li ghamlet is-socjeta’ Scorpio Ship Management S.A.M. lis-socjeta’ attrici.

Din l-offerta kienet kontenuta fl-ittra tal-24 ta’ Dicembru, 2002 (hawn annessa u mmarkata Dok AF1) u kienet tikkonsisti fis-segwenti:

**a. Li s-socjeta’ Scorpio Ship Management S.A.M. *tramite* z-zewg socjetajiet li kienet ser tikkrejja ghal ta’ l-apposta u *cioe “Ship Co. A”* u *“Ship Co. B”*, tidhol f’zewg kuntratti ma’ Samsung Heavy Industries tal-Koreja ghall-bini ta’ zewg bastimenti godda.**

**b. Illi qabel ma dawn il-bastimenti jkunu lesti ghad-*delivery* taghhom, l-ishma ta’ *“Ship Co. B”* jigu trasferiti u mibjugha lis-socjeta’ rikorrenti Finaval liema socjeta’ kienet marbuta li thallas lil Scorpio Ship Management S.A.M., il-prezz ta’ dan il-bastiment gdid kif ukoll il-*“pre-delivery” costs in kwantu* kienu ta’ *“Ship Co. B”*.**

Din l-offerta giet accettata u wara ftit zmien hafna, beda l-involviment dirett tas-socjeta’ attrici Finaval fil-bini tal-bastimenti l-godda. *Pero’* ghalkemm is-socjeta’ li kienet innegozjat kollox baqghet Scorpio Ship Management S.A.M. il-kuntratti ma’ Samsung Heavy Industries dahlu ghalihom iz-zewg socjetajiet li ikkrejat ghall-okkazjoni Scorpio Ship Management S.A.M. kif fil-fatt din kienet qalet li ser taghmel permezz tal-ittra taghha tal-24 ta’ Dicembru fejn kienet irreferiet ghalihom bhala *“Ship Co. A”* u *“Ship Co. B”* liema socjetajiet gew iffurmati hawn Malta bhala Ferentino Shipping Company Ltd u Ilario Shipping Company Limited.

Minhabba l-ftehim li kien intlahaq bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. li s-socjeta’ attrici tiehu l-ishma tas-***Ship Co B*** qabel mas-

Samsung Heavy Industries tispicca l-bini ta' dak il-bastiment relattiv, Scorpio Ship Management dejjem stiednet lil Finaval, is-socjeta' attrici, bhala is-sid eventwali tal-ishma ta' ***Ship Co. B**,* sabiex tippartecipa direttament fin-negozzjati fuq livell tekniku kif ukoll finanzjarju mal-bennejja tal-bastiment Samsung Heavy Industries.

Mill-bidi nett Scorpio Ship Management S.A.M. kienet qed tistieden lis-socjeta' attrici sabiex tippartecipa f'dawn il-laqghat (kopja ta' ittra hawn annessa u mmarkata Dok AF2).

F'din l-istess ittra Scorpio Ship Management S.A.M. allaccjat il-*"letter of Intent"* bejnha *"for and on behalf of a* ***nominee*** *to be nominated by Scorpio Shipmanagement SAM"* u Samsung Heavy Industries, ghall-bini ta' zewg bastimenti godda.

Fl-istess gurnata u permezz ta' *e-mail* l-istess Scorpio Ship Management S.A.M. *technical department* baghtet lil Finaval l-*ispecifications* kollha tal-bastimenti (kopja hawn annessa u mmarkata AF3).

Komplew il-laqghat ma' Samsung fil-prezenza u bil-partecipazzjoni shiha tat-*team* tekniku tas-socjeta' attrici Finaval; is-socjeta' Scorpio Ship Management kontinwament tibghat lis-socjeta' attrici Finaval diversi pjanti ta' kostruzzjoni tal-bastiment ghall-kummenti u approvazzjoni taghha;

Fis-17 ta' Jannar, 2003 gew inkorporati f'Malti is-socjetajiet konvenuti Ferentino Shipping Company Ltd u Ilario Shipping Co. Ltd;

L-azzjonisti kemm ta' Ferentino Shipping Company Ltd u Ilario Shipping Co. Ltd huma identici u huma s-socjetajiet konvenuti Arthur George Ltd u Victoria International Ltd tal-Liberia;

Fil-21 ta' Jannar, 2003 Scorpio Shipmanagement baghtet permezz ta' *covering letter* (hawn annessa u mmarkata AF4), lis-socjeta' rikorrenti Finaval ***kopji awtentikati*** tal-

kuntratti kunfidenzjali li hija kienet ghamlet ma' Samsung Heavy Industries ghall-bini taz-zewg bastimenti (hull 1467) u hull (1468) *tramite* iz-zewg *"nominees"* li hija kienet ikkrejat specjalment ghall-okkazjoni u *cioe'* s-socjetajiet Maltin Ferentino Shipping Co. Ltd u Ilario Shipping Co. Ltd.

B'hekk beda l-bini ta' hull 1467 u hull 1468 bl-intendiment li qabel ma dak il-hull li kien jappartjeni lil ***Ship Co. B*** (u *cioe'* jew dak ta' Ferentino Shipping Company Limited jew dak ta' Ilario Shipping Company Ltd), jigi komplut u *"delivered"*, l-ishma ta' ***Ship Co. B*** jigu mibjugha u trasferiti lis-socjeta' attrici Finaval skond il-weghda ta' bejgh li kienet saret lilha, u minhabba liema weghda kompliet l-partecipazzjoni shiha teknika tas-socjeta' attrici.

Sfortunatament, zviluppaw xi differenzi ta' natura kummercjali dwar xi negozju iehor bejn is-socjeta' attrici u Scorpio Ship Management S.A.M. liema differenzi gew elenkati f'ittra tal-21 ta' Mejju, 2003. (Kopja hawn annessa u mmarkata Dokument AF5). Izda fl-ahhar ta' din l-ittra, s-socjeta' attrici Finaval tissottolineja l-fatt li dawn id-differenzi ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-facilita' li kellha hi sabiex tixtri l-ishma f'***Ship Co. B***.

Sfortunatament is-socjeta' Scorpio Ship Management S.A.M. donnha ma riditx tkompli bil-ftehim li kien intlahaq (dokument hawn anness u mmarkat AF6).

*Nonostante* diversi attentati li ghamlet is-socjeta' attrici sabiex tipperswadi lis-socjeta' Scorpio Ship Management S.A.M. biex izomm il-weghda taghha ta' bejgh, din baqghet izzomm il-posizzjoni taghha.

Dan l-atteggjament tas-socjeta' konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. jammonta biss ghal ksur tal-obbligazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. versu s-socjeta' attrici, inklus ksur ta' weghda ta' bejgh fil-konfront tas-socjeta' attrici Finaval u jaqgha ukoll fit-termini komtemplati mill-ligi f'rtikolu 1357 tal-Kodici Civili.

Bhala konsegwenza tal-ksur tal-obbligi tas-socjeta' konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. li tbiegh l-ishma fis-*Ship Co. B* li ghandha interess fil-bastiment li ghadu qed jinbena u *cioe'* ghall-Ferentino Shipping Company Ltd jew ghall-Ilario Shipping Company Ltd, is-socjeta' attrici sofriet u qed issofri danni konsiderevoli. Is-socjeta' attrici qed tghid *"ghall-Ferentino Shipping Company Ltd jew ghall-Ilario Shipping Company Ltd"*, ghaliex jiddependi fuq liema wahda minn dawn iz-zewg socjetajiet hija n-*nominee* li holqot is-socjeta' Scorpio Ship Management S.A.M. bhala is-***Ship Co. B*** li l-ishma taghha kellhom jigu mibjugha u trasferiti lis-socjeta' attrici Finaval.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. naqset mill-obbligi taghha versu s-socjeta' attrici meta falliet milli tittrasferixxi l-ishma tas-socjeta' konvenuta Maltija Ferentino Shipping Company Ltd, jew tas-socjeta' konvenuta Maltija Ilario Shipping Co. Ltd. lis-socjeta' attrici u li l-istess socjeta' konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. kienet ghaldaqstant obbligata li tbigh u titrasferixxi lis-socjeta' attrici l-ishma tas-socjeta' Ferentino Shipping Company Ltd jew Illario Shipping Co. Ltd *stante* il-ftehim li kien hemm bejniethom.

2. Tiddikjara u tiddeciedi liema min Ferentino Shipping Company Ltd jew Ilario Shipping Co. Ltd hija dik is-socjeta' *"Ship Co. B"* li l-ishma taghha, is-socjeta' konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. kienet obbligat ruha li tittrasferixxi lis-socjeta' attrici.

3. Tiddikjara u tiddeciedi jekk dik is-socjeta' Ferentino Shipping Company Ltd jew Ilario Shipping Co. Ltd skond liema wahda minnhom hija *Ship Co. B,* ghadiex is-sid tal-bastiment li ghadu qed jinbena mis-socjeta' Samsung Heavy Industries tal-Korea.

4. Tordna lis-socjeta' konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. kif ukoll is-socjetajiet konvenuti Arthur George Ltd u Victoria International Ltd it-tnejn tal-

Liberia, bhala azzjonisti tas-socjetajiet Ferentino Shipping Co. Ltd u Ilario Shipping Co. Ltd sabiex jittrasferixxu l-ishma ta’ dik is-socjeta’ Ferentino Shipping Co. Ltd jew Ilario Shipping Co. Ltd, skond liema wahda minnhom hija *Ship Co. B* u liema socjeta’ ghada sid tal-bastiment li ghadu qed jinbena u dan fi zmien qasir u perentorju.

5. Tinnomina kuraturi deputati biex jirregistraw tali trasferiment tal-ishma tal-azzjonisti Arthur George Ltd u Victoria International Ltd fis-socjeta’ Ferentino Shipping Co. Ltd, jew Ilario Shipping Co. Ltd skond liema wahda minnhom hija *Ship Co. B*, lis-socjeta’ attrici.

6. Fin-nuqqas, tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetajiet konvenuti solidalment jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-eventwalita li Ferentino Shipping Ltd jew Ilario Shipping Ltd skond min minnhom hija *Ship Co. B* mhix illum sid il-bastiment li ghadu qed jinbena.

7. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-eventwalita li s-socjeta’ konvenuta Ferentino Shipping Ltd jew Ilaria Shipping Ltd skond min minnhom hija *Ship Co. B* ma ghadiex is-sid tal-bastiment li ghadu qed jinbena mis-socjeta’ Samsung Heavy Industries tal-Korea jekk hemm bzonn bin-nominazzjoni ta’ periti nominandi.

8. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti solidalment jew min minnhom ihallsu is-somma ta’ danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjetajiet konvenuti ghas-subizzjoni u b’rizerva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* fil-kwalitajiet kollha premessi li in forza taghha huwa eccepixxa illi:

<u>A It-talbiet attrici fil-konfront ta’ Scorpio Ship Management S.A.M (“Scorpio”)</u>

1. Illi in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex minn dak kollu premess fic-citazzjoni, jidher car illi l-ebda wiehed mis-sub-incizi tal-artikolu 742 tal-Kap. 12 ma jinkwadra ruhu fic-cirkostanzi tal-kaz. Bizzejjed jinghad illi kemm Finaval Spa u Scorpio Ship Management S.A.M. huma t-tnejn socjetajiet esteri, Scorpio mhijiex presenti hawn Malta, ma gewx assunti ebda obbligi fil-konfront ta' jew *da parti* ta' entitajiet Maltin u fuq kollox Scorpio ma ghandha l-ebda assi hawn Malta, inkluz ishma fiz-zewg socjetajiet l-ohra citati f'dan il-gudizzju.

2. Illi minghajr pregjudizzju ghall-premess u ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba tas-socjeta' attrici, din it-talba mhijiex sostenibbli fil-konfront ta' Scorpio ghaliex kif fuq spjegat, l-ishma fiz-zewg socjetajiet Maltin jappartjenu liz-zewg socjetajiet liberjani. Isegwi ghalhekk illi Scorpio ma ghandha l-ebda ishma f'dawn iz-zewg socjetajiet u wisq anqas ghandha jedd li tassenja jew tiddisponi minn ishma li jappartjenu lil socjetajiet ohra li ghandhom ezistenza u personalita' guridika ghal kollox awtonoma.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-ligi Maltija mhijiex il-ligi applikabbli ghall-kaz in esami. L-allegat ftehim milhuq sar bejn zewg socjetajiet esteri barra minn Malta u li l-ezekuzzjoni tal-istess ftehim kienet intiza li ssir barra minn Malta. *In oltre* anke jekk ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha taccetta l-applikabbilita ta' l-artikolu 1357 tal-Kodici Civili, apparti l-fatt illi r-rekwisiti ta' dan l-artiklu ma gewx osservati f'dan il-kaz, lanqas ma jirrisulta illi l-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet koncernati tista' titqies bhala weghda ta' bejgh. Bizzejjed jitqies il-fatt illi l-oggett tal-vendita qatt ma gie identifikat bi kjarezza (huwa sottomess li riferenza ghall-ishma ta' Shipco B ma tfisser xejn f'termini legali), u fuq kollox qatt ma gie spjegata b'mod car l-ammont tal-konsiderazzjoni ghal tali trasferiment. Fuq kollox jekk wiehed jifli sew il-korrispondenza in kwistjoni, Scorpio dejjem ghamlet il-pozizzjoni taghha cara fis-sens illi dak li kien qed jigi propost f'dak l-istadju kien ghal kollox preliminari u li effettivament kienu ghadhom ghaddejjin negozjati. L-intenzjoni taghhom kienet illi dak kollu li kien qed jigi

diskuss jigi finalment rifless f'*Memorandum of Agreement* formali.

4. Illi kwantu ghas-sitt, seba' u tmien talbiet, dawn huma legalment insostenibbli *stante* li *a tenur* tal-istess kuntratt li sar ma' Samsung Heavy Industries, il-proprjeta' tal-bastiment li qed jinbena jibqa' tal-istess Samsung Heavy Industries sakemm jigi konsenjat u jithallas il-prezz. Isegwi ukoll ghalhekk illi dawn it-talbiet huma ghal kollox intempestivi.

5. Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

<u>B It-talbiet attrici fil-konfront ta' Ferentino Shipping Co Ltd u Ilario Shipping Co. Ltd.</u>

1. Illi ghal dak li jirrigwarda t-talbiet attrici fil-konfront taz-zewg socjetajiet Maltin hawn indikati, it-talbiet attrici huma insostenibbli billi ma tesisti l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u f'kull kaz l-ishma in kwistjoni jappartjenu lil socjetajiet ohrajn azzjonisti.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-trasferiment tal-ishma fiz-zewg socjetajiet konvenuti huwa regolat mill-istatut ta' inkorporazzjoni (Memorandum & Articles of Association), f'liema statut gie regolat il-procedura li ghandha tigi applikata f'kaz illi xi azzjonista jixtieq jassenja l-ishma tieghu lil membru iehor jew favur terzi ohrajn. F'dan il-kaz iz-zewg socjetajiet konvenuti ma rcevew l-ebda *"Transfer Notice"* kif kontemplat fl-artiklu 2 tal-*Articles of Association* u fin-nuqqas ta' din il-procedura jew ta' xi ratifika, ebda trasferiment ta' ishma ma jista' jsir validament.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jecepixxu u jaghmlu taghhom ukoll it-tielet eccezzjoni sollevata minn Scorpio Ship Management S.A.M.

4. Illi kwantu ghas-sitt, seba' u tmien talbiet, dawn huma legalment insostenibbli *stante* li *a tenur* tal-istess kuntratt li sar ma' Samsung Heavy Industries, il-proprjeta' tal-

bastiment li qed jinbena jibqa' tal-istess Samsung Heavy Industries sakemm jigi konsenjat u jithallas il-prezz. Isegwi ukoll ghalhekk illi dawn it-talbiet huma ghal kollox intempestivi.

5. Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

<u>C It-talbiet attrici fil-konfront ta' Arthur George Limited u Victoria International Ltd.</u>

1. Illi ghal dak li jirrigwarda it-talbiet attrici fil-konfront taz-zewg socjetajiet leberjani, azzjonisti fis-socjetajiet maltin Ferentino Shipping Company Ltd u Ilario Shipping Company Limited, it-talbiet attrici huma insostenibbli billi ma tesisti l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u f'kull kaz ebda wahda minn dawn is-socjetajiet liberjani ma assumiet xi obbligi specifici fil-konfront ta' s-socjeta' attrici relattivament ghall-ishma *in kwistjoni.*

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke f'kaz illi dina l-Qorti kellha tilqa' l-ewwel u/jew it-tieni talba attrici, s-socjeta' attrici ma ghandha ebda dritt tesigi t-trasferiment tal-ishma favur taghha fin-nuqqas ta' ftehim jew weghda ta' bejgh espressament konkluz maghhom.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-trasferiment tal-ishma appertenenti liz-zewg socjetajiet konvenuti huwa regolat mill-istatut ta' inkorporazzjoni (*Memorandum & Articles of Association*), f'liema statut giet regolata l-procedura li ghandha tigi applikata f'kaz illi xi azzjonista jixtieq jassenja l-ishma tieghu lil membru iehor jew favur terzi ohrajn. F'dan il-kaz iz-zewg socjetajiet azzjonisti ma taw l-ebda *"Transfer Notice"* kif kontemplat fl-artiklu 2 tal-*Articles of Association* u fuq kollox ma ghandhom l-ebda hsieb li jiddisponu mill-imsemmija ishma u fin-nuqqas ta' din il-procedura jew ta' xi ratifika, ebda trasferiment ta' l-ishma ma jista' jsir validament.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jecepixxu u jaghmlu taghhom ukoll it-tielet eccezzjoni sollevata minn Scorpio Ship Management S.A.M.

5. Illi kwantu ghas-sitt, seba’ u tmien talbiet, dawn huma legalment insostenibbli *stante* li *a tenur* tal-istess kuntratt li sar ma’ Samsung Heavy Industries, il-proprjeta’ tal-bastiment li qed jinbena jibqa’ tal-istess Samsung Heavy Industries sakemm jigi konsenjat u jithallas il-prezz. Isegwi ukoll ghalhekk illi dawn it-talbiet huma ghal kollox intempestivi.

6. Illi f’kull kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-14 ta’ Mejju, 2004, fejn sar qbil li, f’dan l-istadju, l-Qorti tilimita l-provi u t-trattazzjoni fuq l-eccezzjoni ta’ gurisdizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta Scorpio Ship Management;

Rat l-istess verbal fejn il-partijiet qablu li s-socjeta’ estera attrici hija socjeta’ registrata fl-Italja u m’ghandhiex sede gewwa Malta, u li s-socjeta’ konvenuta Scorpio Ship Management hija socjeta’ registrata fil-Principat ta’ Monaco u mhiex prezenti f’Malta;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet fuq l-eccezzjoni preliminari ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dawn il-Qrati;

Rat is-sentenza preliminari ta` din il-Qorti tat-2 ta` Dicembru, 2004 li in forza taghha cahdet l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. u qieset li dawn il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni jittrattaw dan il-kaz, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez ta` dik id-decizjoni jithallsu mis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M;

Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-provi prodotti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tat-2 ta` April, 2007, li in forza taghha cediet it-tieni, it-tielet, ir-raba`, u l-hames talba fic-citazzjoni taghha;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li bejn is-socjetajiet attrici u Scorpio illhom isiru negozji flimkien, u matul is-sena 2002 saru diskussjonijiet bejniethom dwar bini u bejgh ta' vapur. Eventwalment intlahaq xi ftehim bejn il-partijiet li gie inkorporat f'ittra li s-socjeta' Scorpio baghtet lis-socjeta' attrici fl-24 ta' Dicembru, 2002. Minn dak li johrog minn din l-ittra jirrizulta li l-ftehim kien jikkonsisti fis-segwenti:

Li s-socjeta' Scorpio, *tramite* zewg socjetajiet li kienet se tikkreja ghal ta' l-apposta, denominati ghal-fini tal-ftehim bhala *"Ship Co. A"* u *"Ship Co. B"*, tidhol f'zewg kuntratti mad-ditta Samsung tal-Korea ghal-bini ta' zewg bastimenti godda;

Li qabel ma dawn il-bastimenti jkunu lesti ghad-*delivery,* l-isthma ta' *"Ship Co. B"* jigu trasferiti u mibjugha lis-socjeta' attrici versu korrispettiv tal-prezz ta' dan il-bastiment il-gdid kif ukoll il-*pre-delivery costs* relattivi ghal dak il-bastiment.

B'dan il-mod, is-socjeta' Scorpio kellha tohloq kumpanija gdida biex tibni vapur ghas-socjeta' attrici, u qabel ma l-vapur ikun lest ghad-*delivery*, tittrasferixxi l-isthma fil-kumpanija l-gdida fuq isem is-socjeta' attrici, b'mod li l-kumpanija attrici, *tramite* l-kumpanija l-gdida, tkun is-sid tal-bastiment il-gdid.

Jidher li, fil-kors tax-xoghol, inqalghu xi differenzi bejn il-partijiet, u s-socjeta’ Scorpio qed tirrifjuta li tittrasferixxi l-isthma tal-kumpanija l-gdida li holqot lis-socjeta’ attrici. Iz-zewg socjetajiet il-godda li s-socjeta’ Scorpio holqot biex tibni l-vapuri, gew iffurmati u registrati hawn Malta bl-isem ta’ Ferentino Shipping Co. Ltd u Ilario Shipping Co. Ltd.; l-azzjonisti ta’ dawn is-socjetajiet huma ta’ nazzjonalita’ Liberjana.

Is-socjeta’ attrici qed titlob li, *a tenur* tal-ftehim, l-isthma tal-kumpanija Ferentino jew Ilario, dik li qed tibni u ghandha l-proprjeta’ ta’ *“Ship Co. B”*, jigu trasferiti lilha biex b’hekk hi takkwista l-proprjeta’ ta’ dak il-bastiment verso l-korrispettiv miftiehem. Fi ftit kliem, is-socjeta’ attrici qed tissottometti li bejn il-partijiet kien sar konvenju ghall-bejgh ta` isthma f`kumpanija registrata hawn Malta, u qed titlob l-esekuzzjoni ta` dik l-obbligazzjoni.

Il-punt principali ta` din il-kawza idur, ghalhekk, fuq in-natura u t-tifsira tal-ittra tal-24 ta` Dicembru, 2002, mahruga mis-socjeta` Scorpio Ship Management u accettata mis-socjeta` attrici.

Is-socjeta` konvenuta Scorpio, tikkontendi, fl-ewwel lok, li dak il-ftehim m`ghandux jigi interpretat skond il-ligi maltija, peress li hu ftehim li sar bejn zewg socjetajiet esteri u l-ezekuzzjoni tal-istess ftehim kienet intiza li ssir barra minn Malta. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan kollu, ghax fil-waqt li hu minnu li l-ftehim sar bejn zewg kumpaniji esteri barra minn Malta, l-esekuzzjoni finali tieghu, kif zvillupaw l-affarijiet, kellha ssir hawn Malta. Kif intwera, wara dak il-ftehim, gew registrati hawn Malta zewg socjetajiet, bl-isem ta` Ferentino Shipping Co. Ltd, u Ilario Shipping Co. Ltd, liema kumpaniji nholqu biex iservu bhala proprjetarji ta` zewg vapuri, vapur kull wiehed, li kellhom jinbnew gewwa l-Korea. L-isthma ta` dawn iz-zewg kumpaniji gew registrati f`isem is-socjeta` Scorpio, bil-ftehim jikontempla it-trasferiment tal-isthma f`kumpanija wahda ghal fuq is-socjeta` attrici qabel ma` l-vapur ikun lest ghall-konsenja. Fi ftit kliem, il-ftehim jahseb li, qabel avveniment partikolari, l-isthma f`kumpanija lokali jigu trasferiti minn

persuna ghall-ohra. Dan it-trasferiment ghandu jsir hawn Malta u ai termini tal-ligi maltija. Hu veru li l-allegat ftehim ma giex redatt hawn Malta, pero`, gie redatt bil-hsieb li jinholqu *"two single purpose off-shore based companies"*, u giet maghzula Malta fejn kellhom jigu registrati dawn il-kumpaniji. La darba qed issa jintalab l-esekuzzjoni ta` dak il-ftehim gewwa Malta, il-ligi applikabbli ghandha tkun dik maltija, li ghandha tirregola jekk dak il-ftehim iwassalx ghal trasferiment ta` isthma f`kumpanija lokali. Il-ligi maltija fuq il-kumpaniji tirregola kif jistghu jigu trasferiti isthma f`kumpanija, li ghandha tirregola l-materja f`kaz li s-socji ma jipprovdux espressament ghal mod kif dan jista` jsir. Kwindi, la darba l-kumpaniji huma registrati Malta u soggetti ghal-ligi u r-regolamenti ta` Malta, hija din il-ligi li ghandha tirregola l-effett ta` ftehim li jolqot dawk il-kumpaniji.

Din il-Qorti trid tirrimarka li bejn il-partijiet m`hemmx kwistjoni dwar il-kapacita` tal-kontraenti fuq il-ftehim jew dwar il-validita` intrinsika tal-istess ftehim, hwejjeg li, ghad-determinazzjoni taghhom, tkun trid issir, forsi, riferenza ghal-ligi tad-domicilju tal-kontraenti u ghal-ligi tal-pajjiz fejn gie redatt l-istess ftehim. Il-kwistjoni bejn il-partijiet tolqott l-effett ta` dak il-ftehim fuq isthma f`kumpaniji maltin, u jekk dak il-ftehim hux kondizzjonat, materji li ghandhom jigu determinati skond il-ligi maltija.

Fil-ktieb ta` <u>Cheshire and North's</u> *"Private International Law"* (*Butterworths 10th Edit*), insibu indikat li t-teorija l-aktar akkreditata hi li, fejn il-partijiet ma jkunux ftehmu dwar ligi applikabbli, *"the proper law depends upon the localization of the contract"* (pag. 208); fi kliem iehor, il-ligi applikabbli *"will be selected on substantial considerations, the preference being given to the country with which the transaction has the most real connection and not to the law of the place of the contact as such"* (pag. 198). Biex wiehed jiddetermina l-konnessjoni ta` kuntratt ma` pajjiz, wiehed irid ihares lejn il-kuntratt fl-interezza tieghu, u jridu jittiehdu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-ftehim.

*"In its search for the system of law with which the contract is most closely connected the court must look at all the*

*circumstances of the contract. To lay dawn firm rules would be to return to the rejected use of presumptions, but there is little doubt that the court will take into account such factors as the place of residence or business of the parties, the place where the contract is made or is to be performed, and the nature and subject matter of the contract"*. (ibid pag. 211).

F`dan il-kaz, is-suggett tal-ftehim huma isthma f`kumpaniji maltin, u l-iskop kollu tal-ftehim, it-trasferiment tal-isthma, irid isir hawn Malta, u kwindi il-*lex loci solutions* tidher aktar adotta biex tirregola l-kwistjoni ta` bejn il-partijiet.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal kawza "Hammer noe vs Knoddler", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta` April, 1905, fejn intqal li:

*"Quando un contratto stipulato all`estero debba avere la sue esecuzione in queste isole, sono da applicarsi le leggi vigenti nella stesse"*.

(ara wkoll "Salomone vs Mifsud Speranza", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta` Novembru, 1934).

Fuq kollox, is-socjetajiet konvenuti la indikaw liema ligi barranija ghandha tkun applikabbli, u lanqas ma resqu prova dwar il-kontenut tal-ligi barranija applikabbli ghal dan il-kaz. Kif inghad fil-ktieb fuq riferit ta` Cheshire & North, *"unless the foreign law with which a case may be connected is pleaded by the party relying thereon, then it is assumed that it is the same as English law. The onus of proving that it is different, and of proving what it is, lies upon the party who pleads the difference. If there is no such plea, or if the difference is not satisfactorily proved, the court must give a decision according to English law, even though the case may be connected solely with same foreign country"*. (pag. 125).

Applikat dan il-principju fil-kuntest ta` Malta, u fic-cirkustanza fejn ma saretx riferenza ghal u prova ta` l-ligi estera, il-ligi applikabbli ghandha tkun dik maltija.

Trattat issa n-natura tal-ftehim rapprezentat bl-ittra tal-24 ta` Dicembru, 2002, din il-Qorti tinnota li isthma f`kumpanija, skond il-ligi, jitqiesu dejjem bhala mobbli (art. 315(a) tal-Kodici Civili – kif, del resto, huma wkoll vapuri skond l-artikolu 314 tal-istess Kodici), u kwindi ma hu mehtieg ebda forma partikolari ghal weghda ta` trasferiment. F`kaz fejn il-ligi tirrikjedi skrittura privata (bhala fil-kaz ta` konvenju ghat-trasferiment ta` immobbli), jista` jinghad li skambju ta` korrispondenza ma titqiex u mhix ekwivalenti ghall-skrittura privata (ara “Vella vs Cassar et”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta` April, 1967), izda la darba, f`dan il-kaz, il-ligi ma tesigi ebda forma partikolari, ftehim milhuq anke verbalment u, di piu`, rapprezentat f`ittra mibghuta minn parti u accettata mill-parti l-ohra, ghandu jitqies validu.

Is-socjeta` konvenuta tilmenta wkoll li jekk il-ftehim jitqies bhala weghda, allura hu applikabbli l-artikolu 1357 tal-Kodici Civili, u f`dan il-kaz, ir-rekwiziti ta` dan l-artikolu ma gewx osservati. Jirrizulta li skond il-ftehim, it-trasferiment tal-isthma kellu jsir qabel il-konsenja tal-vapur. Jirrizulta li l-konsenji, f`dan il-kaz, saru fil-31 ta` Dicembru, 2004 (fir-rigward tal-*“Ferentino”*) u fil-31 ta` Jannar, 2005 (fil-kuntest tal-*“Ilario”*). Din il-kawza giet ipprezentata fil-5 ta` Frar, 2004, jigifieri qabel l-iskadenza tal-konvenju. Dan ma jfissirx, pero`, li l-procedua uzata hija nulla. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Mangion vs Farrugia et”, nonostante l-procedura kontemplata fl-artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili, *“l-accettant jista`, pero`, jipprocedi immedjatament b`kawza entro t-terminu tal-konvenju sabiex jinforza l-bejgh, peress illi citazzjoni hija att gudizzjarju u l-artikou 1357(2) ma jispecifikax b`liema att gudizzarju wiehed irid jaghmel l-interpellazzjoni”.*

Tajjeb li jinghad ukoll li, kif gie deciz min din il-Qorti fil-kawza “Schembri et vs Poulton et”, deciza fl-20 ta` Marzu, 2003, ma hemm xejn irregolari li, kif gara f`dan il-kaz, tigi promossa azzjoni wahda ghall-ezekuzzjoni ta` konvenju flimkien ma talba ghad-danni derivanti minn inadempjenza; iz-zewg rimedji jistghu jintalbu flimkien bla ma jirrendu l-att null. (ara ukoll “Azzopardi vs Bezzina et”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta` April, 1997).

Is-socjeta` konvenuta teccepixxi wkoll li l-allegat ftehim ma jistax jitqies bhala tali peress li mhux spjegat b`mod car certi dettalji tal-ftehim. Din il-Qorti tara, pero`, li mehud in konsiderazzjoni c-cirkustanza li l-oggetti meritu tal-ftehim kienu haga tal-futur – isthma f`kumpanija li kellhom jigu kostitwiti - u oggett tal-futur jista` jkun oggett ta` kuntratt skond l-artikolu 984(1) tal-Kodici Civili – ma jistax jinghad li ftehim hu nieqas minn dettalji li jistghu jkunu determinati jew determinabbli. Il-partijiet ghall-ftehim jirrizultaw car, il-weghda ta` trasferiment li tkun tifforma l-oggett tal-ftehim hija cara ukoll (*"the shares in Ship Co. B. will be transferred over to Finaval at any time throughout the pre-delivery period, but latest upon delivery"*), l-oggett hu identifikat (isthma f`kumpaniji), u t-titolu li bih ikun gie miftiehem li kellu jsir it-trasferiment – bejgh – kien ukoll jirrizulta. Li kien hemm mhux determinat, pero`, kien determinabbli, liema isthma kellhom jigu trasferiti, jigifieri jekk hux ta` kumpanija A jew kumpanija B, u l-prezz. L-ewwel ghazla ma kienitx se taghmel differenza ghas-socjeta` attrici, ghax iz-zewg vapuri li kellhom jinbnew kienu it-tnejn l-istess, u, ghalhekk, ma kienetx taghmel differenza l-isthma ta` liema kumpanija proprjetarja jigu trasferiti. Dwar il-prezz, dan kien jiddependi fuq il-ftehim li kellu jintlahaq mad-ditta li kellha tibni l-vapuri, u kemm tibi biex thallas il-kumpanija Scorpio, tirrifondilha s-socjeta` attrici. Il-prezz gie indikat, fil-fatt, f`e-mail sussegwenti mahruga wkoll mis-Sig. Lolli Ghetti u li tinsab esebita a fol. 11 tal-process. Kwindi, ma jistax jinghad li dak il-ftehim ma jikkontjenix id-dettalji mehtiega biex l-istess ikun succexxtibbli ghall-enforzar (ara, bhala rifless fuq dan, il-kawza "Baldacchino vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru, 1998).

Jekk nigu issa ghall-meritu proprju tal-kawza, id-difiza principali tas-socjetajiet konvenuti hi li dik l-ittra, tal-24 ta` Dicembru, 2002, ma kienetx *"il-ftehim"*, imma kollox kien ghadu preliminari u effettivament kienu ghandhom ghaddejjin negozjati.

Jirrizulta li s-socjeta` attrici riedet tapplika biex tiehu kuntratt ghat-trasport ta` *orimulsion* minn Venezuela ghall-port ta` Brindisi l-Italja. Hi kellha kuntatti tajba ma` ENEL, socjeta` taljana li kienet tiehu hsieb torganizza t-trasport taz-zejt ghall-Italja, pero`, ma kienetx attrezzata biex titrasporta dan it-tip ta` fuel u lanqas ma kellha l-esperjenza mehtiega. Ghalhekk avvicinat lis-socjeta` Scorpio bl-iskop li jiehdu dan il-kuntratt bi shab. Is-socjeta` Scorpio kienet mill-ewwel interessata li tippartecipa f`dan il-kuntratt, u wara ftit bdew diskussjonijiet ghall-holqien ta` joint venture company. Jidher li Sig. Lolli Ghetti, tal-kumpanija Scorpio, kien imirrat biss lejn dan il-kuntratt ENEL, pero`, Sig. Fagioli, tal-kumpanija Finaval, kellu orizzonti akbar; hu ried li l-kolloborazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet tkun fuq skala akbar. Sig. Lolli Ghetti, li ma riedx jitlef il-kuntratt ENEL, segwa il-hsibijiet ta` Sig. Fagolli u ippermetta li d-diskussjonijiet jkopru kollobarazzjoni fuq materji li jmorru lil hin mill-kuntratt ENEL. Sig. Lolli Ghetti kien anke hajjar lis-Sig. Fagioli biex iz-zewg kumpaniji taghhom jixtru vapur gdid kull wiehed, biex dawn il-vapuri jitqieghdu a disposizzjoni tal-joint venture company jekk din tiehu l-kuntratt ENEL. Is-Sur Fagioli ma staqx li jixtri vapur gdid, pero`, Sig. Lolli Ghetti qallu li kien lest jghinu bil-*pre-financing* tal-vapur il-gdid biex l-opportunita` ma tintilifx.

Jidher li l-hsieb ta` Sig. Lolli Ghetti kien li jorbot kollox mal-akkwist tal-kuntratt ENEL. Hu ma kienx interessat li jidhol f`*joint venture* mas-socjeta` Finaval, izda kien interessat fil-kuntratt ENEL, u kien preparat jidhol f`arrangamenti ma` Sig. Fagioli, diment li jittiehed il-kuntratt ENEL. Mhux l-istess kien, pero`, il-hsieb tas-Sig. Fagioli. Dan ra l-possibilita` li, bis-sahha tal-opportunita` tal-kuntratt ENEL, jidhol fi shab ma kumpanija li kienet b`sahhitha fis-suq marittimu. Iz-zewg kumpaniji kienu wkoll specjalizzati fl-uzu ta` zewg tipi differenti ta` vapuri, u l-hsieb tieghu kien li, bil-holqien ta` kumpanija bi shab, jaqghdu r-rizorsi taghhom, jiffrankaw spejjez u jaghmlu aktar profitti. Sig. Lolli Ghetti ried jidhol bi shab ma` Sig. Fagioli ghall-operazzjoni tal-kuntratt ENEL, fil-waqt li Sig. Fagioli ra dan il-kuntratt bhala opportunita` ghall-kolloborazzjoni f`kamp aktar wiesgha.

Sig. Fagioli, ghalhekk, ma riedx jorbot la l-holqien tal-joint venture company u lanqas l-akkwist tal-vapur il-gdid mal-kuntratt ENEL, ghax hass li l-kuntratt ENEL wahdu ma kienx ikun bizzejjed biex jikber fis-suq kif xtaq. Il-hsieb ta` Sig. Lolli Ghetti kien differenti, pero`, il-hsieb ta` dan baqa` biss hsieb, probabbli ghax hu irrealizza illi kieku tkellem car ma` Sig. Fagioli, ebda ftehim ma kien isir. Hu, ghalhekk, zamm il-hsibijiet tieghu ghalih u *"he played along"* ix-xewqa ta` Sig. Fagioli biex l-arrangamenti li kienu se jaghmlu ma jintrabtux wahda mal-ohra. Mix-xhieda li taw kemm Sig. Lolli Ghetti kif ukoll Sig. Fagioli, johrog li l-intenzjonijiet taghhom, meta dahlu ghad-diskussjonijiet ta` bejniehom, kien differenti, pero`, peress li, f`dak l-istadju, Sig. Lolli Ghetti kellu bzonn lis-Sig. Fagioli (ghall-fini tal-kuntratt ENEL), ghazel li ma jaghmilx il-posizzjoni tieghu cara, u minflok jaccetta li ma jorbotx ftehim ma` iehor. Dan johrog car minn apprezzament li ghamlet din il-Qorti tal-kontenut tal-ftehim milhuqa bejn il-partijiet, ghax fil-waqt li f`kull ftehim jissemghu l-arrangamenti l-ohra, f`ebda wiehed ma gie indikat li dawk kienu marbutin. Ghalkemm, ghal Sig. Fagioli, id-diskussjonijiet kienu miexjin fid-direzzjoni t-tajba, bil-ftehim milhuqa juru li z-zewg kumpaniji kienu se jimxu b`*synergy* ma` xulxin u *on an equal partnership.*

X`kien li kien il-hsieb ta` Sig. Lolli Ghetti, meta l-ftehim milhuqa bdew jigu registrati <u>bil-kitba</u>, f`ebda mument ma` l-holqien tal-*joint venture company*, ix-xiri tal-vapuri l-godda, u l-kuntratt ENEL ma intrabtu ma xulxin. Il-*joint venture company* inholqot biex tiehu hsieb in-negozju ta` transport b`mod generali, ghalkemm ma gietx eskluza l-possibbilita` li jsir ftehim bejnha u ENEL ghat-trasport ta` *orimulsion*. Il-ftehim fuq il-vapuri kien ukoll ftehim separat, ghalkemm ma giex eskluz l-uzu ta` dawk il-vapuri mill-*joint venture company*, jekk ikun hemm il-bzonn. Jekk Scorpio dahlet ghal dawn l-arrangamenti bi skopijiet mohbija, is-socjeta` Finaval dahlet ghalihom b`intenzjoni genwina, u sottoskriviet ghal ftehim milhuqa ghax, fil-fatt, kienu jirrispekkjaw l-iskop li ghalih dahlet fin-negozjati.

Analizi tal-ftehim milhuqa jikkonfermaw fil-fehma tal-Qorti it-tesi tas-socjeta` attrici dwar l-indipendenza ta` wiehed mill-iehor.

Hekk, per ezempju, l-ittra tal-24 ta` Dicembru, 2004, li hija l-qofol ta` din il-kawza, ma torbotx la l-holqien tal-*joint venture company* u lanqas it-trasferiment tal-isthma fil-kumpaniji l-godda, proprjetarji tal-vapuri l-godda, mal-kuntratt tal-ENEL. Fiha jinghad biss li l-finanzjarment da parti ta` Scorpio tal-vapuri *"is based on our firm conviction"* li l-kumpanija li kellha tinholoq bi shab (u li kellha tkun maghrufa bhala *"Fin-Scorpio"*) tiehu l-kuntratt ta` ENEL. Fiha ma hemm ebda rabta tax-xiri tal-vapuri ma` dan il-kuntratt.

Wara din l-ittra, li l-kontenut taghha gie accettat, avvolja l-kuntratt ENEL ma kienx ghadu ittiehed, is-socjeta` attrici giet mitluba u hadet parti attiva u determinanti fil-preparazzjoni tal-pjanti tal-bini tal-vapuri, haga mhux solita li kieku s-socjeta` attrici ma kienetx se tkun hi proprjetarja tal-bastiment.

Fil-*Letter of Intent* u fis-*side-letter* tat-22 ta` Lulju, 2002, li kienu jirreferu ghal holqien tal-*joint venture company*, jinghad li l-*"company"* imsemmija f`dak il-ftehim kienet l-ENEL, imma f`dawn id-dokumenti ma jinghadx li l-*joint venture company* kienet se tinholoq biss ghal dan il-kuntratt. Fihom jinghad, fil-fatt, li l-kumpanija bi shab kellha topera ghall-vantagg u beneficcju taz-zewg kumpaniji *"possibly also directly in a joint venture together with the company (ENEL)"*. Il-*joint venture* ma` ENEL kien *"possibly also"*, pero` l-iskop tal-*joint venture company* kien aktar wiesgha.

Din il-*Letter of Intent* (esibita a fol. 440 tal-process) tikkonferma li l-vapuri tal-partijiet kellhom jibqghu ta` proprjeta` esklusiva taghhom, fil-waqt li l-*joint venture company "could benefit from the combination of the ships at the parties disposal"*; il-*joint venture company* ma kellhiex ikollha vapuri taghha, imma, skond il-htiega, tkun, tista` tuza l-vapuri ta` Finaval u Scorpio. Li l-*joint venture company* kellha topera indipendentement mill-kuntratt

ENEL johrog minn qari tal-klawsoli E u F ta` din il-*Letter of Intent,* li jindikaw b`mod car li l-*joint venture company* kienet se tigi kreata biex tkun l-operatur esklussiv tat-trasport tal-kumpaniji – *"possibly including the company (ENEL) in future"*. Bl-ebda mod ma jista` jinghad allura li l-kumpanija bi shab inholqot specifikament u esklussivament ghall-kuntratt ENEL; dan il-kuntratt kien, possibilment, wiehed mill-progetti li kellha tidhol ghalihom il-*joint venture company* fil-futur.

Fil-ftehim tal-24 ta` Dicembru, 2002, hemm mahsub li jigi draftjat *Memorandum of Agreement "so that the appropriate mechanisms render effective the above"*, li jfisser li dak il-*memorandum* kellu jsir biex jinholqu d-dettalji tal-ftehim dwar il-finanzjament tal-vapuri, imma l-ftehim tax-xiri tal-vapuri ma kienx kondizzjonat ghal dan. In-negozjati li kellhom isiru kellhom jolqtu l-mekanizmu ta` kif isiru l-hlasijiet, imma qbil fuq l-akkwist tal-vapuri kien sar.

Klawsola 3 tal-ftehim (l-ittra tal-24 ta` Dicembru, 2002) ukoll taghti x`tifhem li l-ftehim fuq il-vapuri ma kienx marbut mal-kuntratt tal-ENEL; dik il-klawsola tghid li jekk il-kuntratt ma` ENEL ma jigix konkluz, allura Finaval u Scorpio jiddiskutu l-posizzjoni ta` Fin-Scorpio fil-konfront tal-uzu ta` dawk il-vapuri – izda mhux li jikkunsidraw l-akkwist ta` dawk iz-zewg vapuri. Minghajr dak il-kuntratt, ma jkunx hemm htiega li z-zewg vapuri godda jintuzaw mill-*joint venture company* izda mhux li l-ftehim ghall-akkwist taghhom jaqa`. Fl-istess sens hi l-ittra li Sig. Lolli Ghetti baghat lis-Sig. Fagioli fid-29 ta` Jannar, 2003 (esibita a fol. 449 tal-process) li bl-ebda mod ma torbot il-kuntratt ta` ENEL mal-operazzjoni tal-*joint venture company* jew ix-xiri taz-zewg vapuri. Dik l-ittra tisspecifika l-htigijiet tal-kumpanija l-gdida, u l-bzonn li jigu akkwistati zewg vapuri ohra, pero`, l-akkwist tal-vapuri l-godda miz-zewg partijiet mhux kondizzjonata ghal ghoti tal-kuntratt ta` ENEL.

Din l-ahhar ittra tindika li l-kuntratt ENEL kien importanti, pero`, il-*joint venture company* kienet progettat li tinvolvi ruhha fi progetti ohra; riedu sitt vapuri *"to quote a*

*competition rate"*. Kellhom gia tnejn ohra *"on order"* u riedu vapuri ohra li, pero`, jibqghu dejjem *"controlled by Finaval or Scoprio"*. Gia intwera li l-ftehim kien li l-vapuri kellhom jinxtraw min u jibqghu ta` Finaval jew Scorpio, izda jista` jinqala l-kaz li dawn ipogguhom a disposizzjoni tal-kumpanija Fin-Scorpio biex din taqdi l-iskop taghha. Mid-dokumenti indikati, wiehed jifhem li l-arrangament tax-xiri tal-vapuri, kien indipendenti mill-holqien tal-*joint venture company*. Finaval u Scorpio kienu, iva, se jixtru vapur kull wiehed, bil-vapuri jibqghu taghhom, izda kien jiddependi mill-htigijiet tal-kumpanija l-gdida, Fin-Scorpio, jekk dawn il-vapuri jitpoggux ghad-disposizzjoni taghha. Jekk dawn il-vapuri l-godda jitpoggewx jew le ghad-disposizzjoni tal-kumpanija l-gdida, kien jiddependi mill-kuntratt ENEL, *"in order not to depress Fin-Scorpio's cashflow"*. Finaval u Scorpio kellhom jixtru vapur kull wiehed, u, wara dawn jigu operati mill-*joint venture company* skond il-htiega, pero`, ix-xoljiment tal-*joint venture company* ma kellux igib fix-xejn il-ftehim tal-vapuri.

Fil-komplessita` taghhom, dak li gie miftiehem bejn il-partijiet kien jikkonsisti fi zewg ftehim: il-holqien ta` *joint venture company* biex topera fis-suq marittimu, u independent min dan, ix-xiri ta` zewg vapuri ohra. Dawn il-ftehim kienu relatati, pero`, mhux marbuta wahda ma` ohra. Jekk, imbaghad, il-*joint venture company* jirnexxiela tieghu l-kuntratt ENEL, allura Scorpio u Finaval ipoggu ghad-disposizzjoni tal-kumpanija l-gdida, z-zewg vapuri l-godda minnhom akkwistati. Inoltre, peress li Finaval kienet hi li avvicinat lil Scorpio u involvita f`possibilita` ta` kuntratt kbir ma` ENEL, din tal-ahhar accettat *"to pre-finance"* x-xiri tal-vapur da parti ta` Finaval. Waqt id-diskussjonijiet, haga kienet twassal ghal ohra, pero`, ebda ftehim ma kien marbut wiehed mal-ohra. Il-possibilita` tal-kuntratt ENEL, hajjar lil Scorpio jghin lil Finaval fl-akkwist ta` vapur gdid, u l-holqien ta` kumpanija bi shab, pero`, ma hemm xejn fil-ftehim milhuqa li jorbot wahda mal-ohra. Il-kuntratt ENEL kien l-okkazzjoni ghal holqien ta` dawn il-ftehim, pero`, mhux kondizzjoni.

Dan hu dak li johrog mill-<u>kitba</u> li ghamlu l-partijiet. Il-hsieb ta` Sig. Lolli Ghetti seta` kien differenti, pero`, l-ittri skambjati li jirriflettu l-ftehim milhuqa, ma jindikaw ebda skop iehor u ebda rabta ta` wahda ma` ohra. Ovvjament, dak li parti izzomm mistur fil-hsieb taghha, ma jistax jitqies bhala parti ta` ftehim jew kondizzjoni.

F`dan il-kaz jista` jkun li l-intenzjonijiet taz-zewg partijiet ma kienux kompletament in armonija, imma l-miktub jirrifletti l-pjan kif kontemplat mis-Sig. Fagioli, u meta l-kitba hi cara, mhux lecitu li parti tipprova ixxejjen il-kitba b`allegazzjoni ta` kondizzjonijiet li ma jirrizultawx li kienu jifformaw parti mill-hsieb <u>komuni</u> tal-partijiet.

Dan hu konfermat ukoll minn dak li qal Sig. Aldo Poma, General manager tas-socjeta` Scorpio. F`punt minnhom dan xehed hekk: *"At that time it was clear to me that the parties had different expectations and I advised Mr. Lolli Ghetti <u>that it was about time to put his position in writing</u>".* Ix-xhud qed jirreferi ghal mument f`Dicembru 2002 meta lill-Finaval wasalha messagg li Scorpio xtaqet torbot il-bejgh tal-vapuri mal-ghoti tal-kuntratt ENEL. Sig. Fagioli kien mil-ewwel iddikjara li ma riedx dik ir-rabta u ried jibghat messagg lis-Sig. Lolli Ghetti li hu qatt ma kellu l-hsieb li l-ftehim jintrabtu b`dak il-mod. Kien hawn li x-xhud Sig. Poma irrealizza li kien hemm differenzi fl-aspettativi tal-partijiet u ta` parir li l-posizzjoni titnizzel bil-miktub. Hu iddraftja l-ittra tal-24 ta` Dicembru, 2002, li Scorpio baghatet lil Finaval. Din l-ittra pero`, kif intwera ampjament, <u>ma torbotx</u> il-bejgh tal-vapur mal-kuntratt ENEL. Hu probabbli li meta Sig. Lolli Ghetti sar jaf ir-reazzjoni qawwija u negattiva ta` Sig. Fagioli ghal hsieb tieghu li jorbot iz-zewg kwistjonijiet, zamm lura milli jinsisti fuq il-punt tieghu, u irrediga ftehim li jkun accettali ghas-Sig. Fagioli. Fil-fatt, dik l-ittra kienet accettabbli ghas-Sig. Fagioli peress li tirrispekkja l-hsibijiet tieghu u ma torbotx l-akkwist tal-vapuri mal-kuntratt ENEL. Hu principju li meta l-partijiet jirrikorru ghal miktub, hija dik il-kitba li tirregola r-relazzjoni kuntrattwali ta` bejniehom, u mhux it-tahdiet li jkunu precedew dik il-kitba (ara artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc). Hu principju li meta l-partijiet jkunu ftehmu li jinkorporaw ftehim ta` bejniethom f`kitba (u f`dan

il-kaz, l-inizjattiva li tigi redatta l-kitba harget minn ufficcjal tad-ditta Scorpio) *"huma jkunu nizzlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva <u>dak kollu</u> li jkunu ftehmu fuqu"* (<u>"Aquilina noe vs Portelli"</u>, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta` Ottubru, 2005).

Il-principju ta` *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fortur* huwa accettat fil-gurisprudenza lokali (ara, per ezempju <u>"Mifsud vs Rizzo"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta` Marzu, 1984). Kontra din ir-regola gew accettati diversi eccezzjonijiet, fosthom jekk jirrizulta li jkun hemm ftehim verbali li jammonta ghall-kundizzjoni li subordinatament ghaliha saret il-konvenzjoni miktuba, u li minnha tiddependi l-ezekuzzjoni ta` dik il-konvenjoni (<u>"Caruana vs Bonnici"</u>, deciza minn din il-Qorti fil-31 ta` Jannar, 2003). Pero`, il-prova trid tkun car, perswasiva u konkludenti, u turi minghajr l-icken dubbju li kienet <u>l-intenzjoni komuni</u> tal-partijiet li jassoggettaw il-ftehim miktub ghal kondizzjoni verbali. Kif intwera, intenzjoni komuni ma tirrizultax, u wara li Sig. Fagioli oggezzjona bil-qawwa ghax-xewqa ta` Sig. Lolli Ghetti li jorbot il-ftehim tax-xiri tal-vapuri mal-kuntratt ENEL, giet redatta kitba (l-ittra tal-24 ta` Dicembru, 2002) fejn din ir-rabta ossija kondizzjoni ma gietx inkorporata.

Il-Qorti tosserva li fl-Ingilterra l-posizzjoni tidher pjuttost simili. Fil-kawza <u>"Gillespie Brothers & Co. vs Cheney, Eggar & Co"</u>, 1896 2 QB59, Lord Russel CJ qal: *"although when the parties arrive at a definite written contract the implication or presumption is very strong that such contract is intended to contain all the terms of their bargain, it is a presumption only, and it is open to either of the parties to allege that there was, in addition to what appears in the written agreement, an antecedent espress stipulation not intended <u>by the parties</u> to be excluded, but intended to continue in force with the express written agreement"*.
(ara <u>Koffman and Macdonald</u> *"The Law of Contract"* Tolley, 2nd Edit, pagna 93, fejn l-awturi jiddiskutu *"The parol evidence rule"*).

Kif intwera, ftehim jew accettazjoni ta` kondizzjoni jew rabta ma` ftehim iehor ma kienx hemm; anzi l-hsieb

espress ta` parti gie rifjutat mill-parti l-ohra, u ma gietx inkorporat fil-proposta li saret wara minn wahda mill-partijiet.

Kif tghid l-istess ittra, il-kontenut taghha hija proposta *"in relation to recent discussions on the new buildings project with Korean shipyards"*. Issa, *"qua espressjoni ta` volonta` dik l-offerta hi karatterizzata mill-intenzjoni, oggettivament rikonoxxibbli, li l-appellat ried jimpenja ruhu ghas-soluzzjoni tal-kontroversja mal-parti l-ohra. Una volta accettata, dik l-offerta hekk maghmula, takkwista l-effikacja taghha u tikkomporta vinkolu ghall minn jaghmilha"* – "Cini vs Cini", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta` Marzu, 2006 (sottolinear ta` din il-Qorti). (ara wkoll "Gatt Baldacchino vs Arcidiacono et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-17 ta` Jannar, 2007). Dik l-ittra, ghalhekk, ghandha titqies ir-rabta bejn il-partijiet fuq dik il-materja tax-xiri tal-vapuri, u kull espressjoni jew xewqa espressa qabel ghandha titqies rinunzjata jew abbandunata la darba ma gietx inkorporata fil-ftehim ("Mizzi vs Saliba", deciza minn din il-Qorti fl-1936 u riportata Vol. XXIX.II.1090, u "Simpson noe vs Saliba et noe", deciza minn din il-Qorti fit-22 ta` Gunju, 2004).

Din il-Qorti tara wkoll li l-fatt li t-*technical manager* tas-socjeta` attrici, Enzo Romano, ippartecipa fid-diskussjonijiet fuq il-bini tal-vapur, ifisser li s-socjeta`, sa mill-bidu nett, kellha interess dirett fl-akkwist tal-vapur. Ghall-kuntrarju ta` dak li qal Francesco Bellusci, il-*general manager* tas-socjeta` konvenuta, din il-Qorti ma tarax li r-rwol ta` Sig. Romano kien biss ta` *"observer"*. Lilu intbaghtu kopji tad-*draft specifications* tal-vapur, il-lista tal-manufatturi, d-*drawings*, u d-*drawing approval procedures,* dokumenti li, fil-kummerc marittimu, zgur mhux se jithallew f`idejn terzi li ma jkunux altament interessati fix-xiri tal-vapur. Id-dokumenti gew indikati u markati bhala kunfidenzjali, u li ma kellhom jinghataw jew murija lil ebda terz barra mill-partijiet. Cio` nonostante, Sig. Bellusci baghat kopja ta` kollox lit-*technical manager* tas-socjeta` attrici, kien jibghatlu kopji tal-*incoming* u l-*outgoing mail* li kienet tigi skambjata bejnu u s-*shipyards*,

u anke invitah jattendi ghal laqgha li saret fejn gie diskuss il-kuntratt u d-dettalji tieghu.  Hemm divergenzi ta` opinjoni dwar il-kwalita` u l-*"extent"* tal-involviment ta` Sig. Romano fit-thejjija tad-dettlji tal-kuntratt, pero`, il-fatt li dan gie muri d-dettalji kollha tal-progett, u wkoll ikkontribwixxa biex l-ftehim jigi emendat, jikkonferma, fil-fehma ta` din il-Qorti, dak li intqal aktar qabel, u cioe`, li sa mill-bidu nett il-ftehim kien li vapur minnhom kien qed jigi mibni ghas-socjeta` attrici, indipendentement minn kwisjtonijiet ohra li gew trattati wkoll mill-istess partijiet (ara, bhala rifless fuq dan, id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta` Mejju, 2004, fil-kawza <u>"Cuschieri vs Baldacchino"</u>).

Din il-Qorti tapprezza li b`din id-decizjoni qed tmur kontra dak li pprovdiet hi stess meta cahdet it-talba tas-socjeta` attrici ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni.  Dan qed taghmlu konxjenzjament u wara smigh ta` provi u studju f`aktar dettal tal-meritu tal-kawza.

Ghalhekk, il-Qorti tikkonkludi li dak li sehh bejn il-partijiet kien dan: iz-zewg socjetajiet Finaval u Scorpio kienu se jixtru vapur kull wiehed mill-Korea, u l-ftehim fuq dan kien indipendenti minn kull ftehim iehor.  Ghalkemm kellhom isiru aktar diskussjonijiet dwar l-arrangament ghal <u>finanzjament</u> tal-vapuri, il-ftehim tal-holqien ta` zewg kumpaniji godda u l-eventwali trasferiment tal-isthma kien wiehed definittiv.  Kellha ukoll tinholoq kumpanija ohra bi shab li kellha topera fis-suq marittimu; saru diskussjonijiet fuq xi jkollha bzonn din il-kumpanija biex topera f`dan is-suq, u gie deciz ukoll li jekk din il-kumpanija l-gdida tieghu l-kuntratt ENEL, allura kemm Finaval u kemm Scorpio kellhom ipoggu ghad-disposizzjoni tal-kumpanija l-gdida l-uzu taz-zewg vapuri godda li kienu se jixtru mill-Korea.  It-tlett materji ma kienux marbuta wahda ma ohra, u setghu u hekk kellhom jimxu wiehed indipendenti mill-iehor. Rabta kuntrattwali bejn ftehim u iehor ma jirrizultax la mill-istess ftehim u lanqas mill-intenzjoni komuni tal-partijiet.

Din il-Qorti tara li anke <u>jekk</u> jigi argumentat li l-ftehim tal-vapuri kien marbut mal-kuntratt ENEL, xorta ma tispiccax ir-responsabilita` ta` Scorpio.  Ma jirrizulta min imkien li

sar qbil li l-kuntratt ENEL kellu jigi akkwistat sa certu zmien. Kien Sig. Lolli Ghetti li unilateralment iddecieda meta dak il-kuntratt kellu jinghata, u kien hu li ittermina l-ftehim meta l-kuntratt ENEL ma giex akkwistat fiz-zmien li hu deherlu li kellu jinghat. Hu veru li jekk kondizzjoni ma ssehhx, din ikollha effett retroattiv u jhassar l-obbligazzjoni principali, pero`, Sig. Lolli Ghetti ma setax jimponi terminu unilaterlament meta wiehed ma kienx miftiehem. Skond l-artikolu 1058(2) tal-Kodici Civili, meta ma jkunx hemm terminu miftiehem, il-kundizzjoni ma titqiesx li ma sehhitx hlief meta hu zgur li l-grajja ma tigrix. F`dan il-kaz, ma kienx hemm certezza li l-kuntratt ENEL ma kienx se javvera ruhu, tant li, fil-fatt, is-socjeta` Fineval hadet dan il-kuntratt ftit wara li Sig. Lolli Ghetti termina l-ftehim. Sig. Lolli Ghetti seta`, kieku ried, talab lill-Qrati jiffissaw terminu perentorju li fih kellha tavvera ruha l-kondizzjoni, pero`, ma setghax unilateralment jiddeciedi li, la l-kuntratt ma giex akkwistat sa data li iddecieda hu, allura l-ftehim kollu waqa`.

Kwindi, l-kondizzjoni allegata mis-socjeta` Scorpio ma tistax titqies li ma avveratx ruhha; fil-fatt, sehhet u l-kuntratt ENEL inghata lis-socjeta` Finaval (peress li, sa dak iz-zmien, il-kumpanija l-gdida giet sfrattata). La darba l-kondizzjoni avverat ruhha, jew ahjar, ma avveratx skond il-ftehim (peress li l-kuntratt ma inghatax lis-socjeta` Fin-Scorpio) minhabba l-agir abbuziv u illegali ta` parti fuq il-ftehim (is-socjeta` Scorpio), l-obbligazzjoni principali ghandha titqies li xorta dahlet fis-sehh, u ghalhekk is-socjeta` Scorpio hija xorta wahda tenuta tonera l-obbligazzjoni li assumiet fuq l-ittra tal-14 ta` Dicembru, 2002.

Ghar-rigward tat-talba tas-socjeta` attrici ghat-trasferiment effettiv tal-isthma fil-kumpanija Ferentino Shipping Co. Ltd jew Ilario Shipping Co. Ltd, dan ma kienx aktar possibbli peress li l-isthma tal-kumpanija gew trasferiti lil terzi, u z-zewg kumpaniji gew xolti u *struck off* mir-registru tal-kumpaniji fis-26 ta` Frar, 2004. Fil-fatt jidher li t-trasferiment tal-isthma sar qabel ma gie presentat ir-rikors ghal hrug tal-mandat ta` inibizzjoni numru 1673/03, u x-xoljiment taz-zewg kumpaniji sar nonostante l-fatt li l-

likwidatur kien gie avvzat bil-pendenza ta` din il-procedura. Mhux kompitu tal-Qorti tezamina r-rwol tal-likwidatur f`dawn il-proceduri, pero`, la darba it-trasferiment kontemplat fil-ftehim evidenzjat fl-ittra tal-24 ta` Dicembru, 2002, ma jistax aktar isir, din il-Qorti trid tipprovdi issa ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Bhala responsabbli ghad-danni, din il-Qorti tara li din ghandha tigi attribwita lis-socjeta` Scorpio Ship Management S.A.M., li sa mill-bidu nett u tul iz-zmien kollu kienet tmexxi dak kollu li kien isir. Kienet hi li terminat il-ftehim mas-socjeta attrici, u li hadet hsieb ix-xiri u l-eventali bejgh tal-vapuri lill-terzi, tramite trasferiment tal-isthma. Kienet hi li, bl-agir taghha, tat lok ghal dawn il-proceduri u wasslet ghall-impossibilita` tal-esekuzzjoni tal-ftehim tal-24 ta` Settembru, 2002, meta ittrasferit l-isthma tal-kumpaniji l-godda lill-terzi. Kwindi ghandha titqies unikament responsabbli ghad-danni.

Dwar l-ammont ta` danni, jirrizulta li l-vapur li kienet se tixtri s-socjeta` attrici a bazi tal-ftehim kien se jiswa US$37,800,000. Dan jirrizulta mill-email ta` Sig. Lolli Ghetti li baghat wara l-ittra tal-4 ta` Dicembru, 2004 (a fol. 11 tal-process), u mid-dokumenti annessi mal-affidavit ta` Enrico Rossi (a fol. 418 tal-process). Jirrizulta ukoll li l-akkwist ta` vapur illum huwa ta` bejn US$50,000,000 u US$65,000,000 (ara xhieda ta` Enrico Cambioso a fol. 464 tal-process). Mehud kont it-trapass taz-zmien, il-Qorti thoss li ghandha timxi fuq stima ta` US$60,000,000, biex b`hekk, id-danni dovuti lis-socjeta` attrici jigu jammontaw ghal US$22,200,000.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa` l-ewwel talba attrici kif dedotta fic-cirkustanzi, tiddikjara li ma tistax tilqa mit-tieni sal-hames talba tas-socjeta` attrici u qed tastjeni milli tieghu konjizzjoni tal-istess, (peress ukoll li dawn gew ceduti), tilqa`, pero`, is-sitt talba billi tiddikjara lis-socjeta` Scorpio Ship Management S.A.M. unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici, tilqa` s-seba` talba u tillikwida d-danni f`ammont ta` US$22,200,000, u tilqa` it-

tmien u l-ahhar talba attrici, billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M. thallas lis-socjeta` attrici, in linea ta` danni, s-somma ta` Lm7,093,785 (seba` miljuni, tlieta u disghin elf, sebgha mija u hamsa u tmenin lira Maltin), ekwivalenti ghall-US$22,200,000, bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta` din ic-citazzjoni, cioe`, mill-5 ta` Frar, 2004, sal-pagament effettiv; fic-cirkustanzi, tastjeni milli tippronunxja ruhha fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

L-ispejjez gudizzjarji kollha jithallsu mis-socjeta` konvenuta Scorpio Ship Management S.A.M.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------